

- tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ħlas ta' EUR 1 000 bħala kumpens għad-dannu morali kkawżat lir-rikorrenti minħabba l-adozzjoni ta' tali regolament u EUR 1 simboliku bħala kumpens għad-dannu materjali;
- tagħti ordni kontra l-Kummissjoni Ewropea li tobbligaha tirritorna l-“fattur ta' konformità finali” maħluq mir-Regolament (UE) 2016/646 għal 1 u tirrinunzja għall-“fattur ta' konformità temporanju” stabbilit għal 2.1;
- tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż kollha.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jinvokaw l-elementi li ġejjin.

1. Il-konvenuta wettqet żbalji fl-adozzjoni tar-regolament inkwistjoni, fil-kuntest tal-eżerċizzju tal-kompetenza tagħha li kienu ddelegawliha l-Parlament Ewropew u l-Kunsill permezz tar-Regolament (KE) Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-20 ta' Ġunju 2007 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tal-emissjonijiet ta' vetturi ħfief għall-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali (Euro 5 u Euro 6) u dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi (ĠU 2007, L 171, p. 1), skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill, tat-28 ta' Ġunju 1999, li ttiprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat tal-implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni. Konkretament:
 - ksur tar-regoli, kemm primarji kif ukoll sekondarji, tad-dritt tal-Unjoni fil-qasam tal-ambjent;
 - ksur tar-regoli sussidjarji tad-dritt Komunitarju, bħall-prinċipji ġenerali ta' nuqqas ta' rigressjoni, ta' prekawzjoni, ta' prevenzjoni, ta' azzjoni fras il-għajn u ta' min iħammeġ iħallas;
 - użu ħażin tar-regoli tal-proċedura, sa fejn il-Kummissjoni ma setgħetx tuża l-proċedura ta' reglementazzjoni b'kontroll sabiex temenda element essenzjali tar-Regolament (KE) Nru 715/2007;
 - ksur tal-forom proċedurali sostanzjali, sa fejn ir-regolament inkwistjoni ma bbenefikax minn garanziji demokratiċi offruti mir-rikors għall-proċedura leġiżlattiva ordinarja ta' kodeċiżjonijiet tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.
2. L-eżistenza ta' dannu reali u ċert u ta' rabta kawżali diretta bejn l-aġir tal-Kummissjoni u d-dannu allegat.

Rikors ippreżentat fid-29 ta' Marzu 2017 – EKETA vs Il-Kummissjoni Ewropea

(Kawża T-198/17)

(2017/C 151/60)

Lingwa tal-kawża: il-Grieg

Partijiet

Rikorrent: Ethniko Kentro Erevnas kai Technologikis Anaptyxis (EKETA) (Thessaloniki, il-Greċja) (rappreżentanti: V. Christianos u S. Paliou, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

- tiddikjara li t-talba mressqa mill-Kummissjoni Ewropea lill-EKETA biex jirrimborsa l-ammont ta' EUR 38 241,00 mill-pagament irċevut minnu għall-proġett ACTIBIO, liema talba saret fin-nota ta' debitu Nru 3241615335/29.11.2016, hija infondata fir-rigward tas-somma ta' EUR 9 353,56;

- tiddikjara li s-somma ta' EUR 9 353,56 tikkostitwixxi spejjeż eliġibbli u li l-EKETA ma huwiex obligat iħallas lura dik is-somma lill-Kummissjoni Ewropea, u
- tordna lill-Kummissjoni Ewropea tbatli l-ispejjeż tar-rikorrent.

Motivi u argumenti prinċipali

1. B'dan ir-rikors, l-Ethniko Kentro Erevnas kai Technologikis Anaptyxis (EKETA) jikkontesta t-talba mressqa mill-Kummissjoni permezz tan-nota ta' debitu tagħha Nru 3241615335/29.11.2016, fir-rigward tal-parteċipazzjoni fil-proġett ACTIBIO. Permezz ta' dik in-nota ta' debitu, il-Kummissjoni talbet lill-EKETA jirrimborsa parti mill-pagament li rċieva mingħandha għall-proġett ACTIBIO, somma ta' EUR 38 241,00. Din it-talba saret wara awditu fuq il-post li twettaq mill-Kummissjoni Ewropea fl-uffiċċji tar-rikorrent.
 2. F'dak il-kuntest, ir-rikorrent isostni li l-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea, skont l-Artikolu 272 TFUE, għandha tiddikjara li, mill-ammont imsemmi fin-nota ta' debitu, is-somma ta' EUR 9 353,56 tikkostitwixxi spejjeż eliġibbli u li l-EKETA ma huwiex marbut li jħallas dik is-somma lill-Kummissjoni.
 3. L-EKETA jsostni li l-imsemmi ammont ta' EUR 9 353,56 jikkostitwixxi spejjeż tal-persunal u spejjeż indiretti eliġibbli, li l-Kummissjoni ċaħdet b'mod żbaljat bħala ineliġibbli. L-eliġibbiltà tal-ispejjeż tar-rikorrent hija pprovata mill-evidenza ppreżentata lill-Kummissjoni Ewropea fl-awditu fuq il-post u f'korrispondenza sussegwenti u li dan jippreżenta lill-Qorti Ġenerali.
-